MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 2630/1999/1

**Colour Chart Company Limited**

**vs**

**Philip Caruana f'ismu proprju u ghan-nom u fl-interess ta' Mobalpa Design**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi il-konvenut proprio et nomine huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' elfejn u wiehed u tletin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm2031.45c) bilanc minn sommma aktar, prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut

propio et nomine fuq inkarigu tieghu stess u statement hawn anness u markat Dokument A;

Illi l-konvenut proprio et nomine, minkejja li nterppellat ihhallas l-ammont dovut lis-socjeta attrici, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Frar 1999 u ta’ ittra legali datata 20 ta’Ottubru 1999, baqa inadempjenti;

Illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert likwidu u dovut u l-konvenut proprio et nomine ma ghandhux eccezzjonijiet x’jaghti ghat-talba attrici anke in vista tal-affidavit hawn anness u mmarkat Dokument X;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konveut proprio et nomine jghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1 Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ Artikoli 167 et sequentur tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2 Tiddikjara lill-konvenut proprio et nomine debitur versu s-socjeta attrici fis-somma ta’ elfejn u wiehed u tletin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm2031,45) bilanc minn somma akbar, prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut proprio et nomine fuq inkarigu tieghu stess;

3 Tordna lill-konvenut proprio et nomine ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elfejn u wiehed u tletin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (LM2031.45);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 20 ta’ Ottubru 1999 u tal-ittra ufficjali datata 19 ta’ Frar 1999 u tal-mandat ta’ qbid Numru 5068/99 u bl-imghaxijiet legali mid

19 ta’ Frar 1999 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut proprio et nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' ecezzjonijiet tal-konvenut propio et nomine fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici u illi inoltre ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta attrici u l-konvenut propio et nomine ghall-hlas tas-somma mitluba;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut propio et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici, l-konvenut u rat l-affidavit prodott mis-socjeta battrici;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu 2003;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenut hu debitur taghha fis-somma ta’ elfejn u wiehed u tletin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm2031.45c) bilanc ta' somma akbar, prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut fuq inkarigu tieghu;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnu u s-socjeta attrici;

Jirrizulta li l-konvenut hu mastrudaxxa u jgestixxi din is-sengha tieghu f'negozju taht l-isem "Mobalpa Design". Il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici jirreferu ghal xoghol ta' "colour seperations", "advertising" u "art work" li sar in konnessjoni ma reklami, tal-imsemmi negozju, li deheru fil-gazzetta "The People". Kif gia ntqal il-konvenut

jippretendi li ma hemmx relazzjoni guridika bejnu u s-socjeta attrici u ghalhekk huwa mhux tenut li jhallas lis-socjeta attrici ghall-imsemmi xoghol;

Din il-pretensjoni tal-konvenut ma tirrizultax sufficjentement u ghalhekk din l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda. Dana qed jinghad anke in vista ta' dak li qal il-konvenut fid-deposizzjoni tieghu. Meta l-konvenut iddepona huwa ma kienx dejjem konsistenti u f'xi hinijiet huwa anke kkontradica lilu nnifsu;

Barra minn hekk dak li qal il-konvenut hu indikattiv li kien hemm relazzjoni bejn is-socjeta attrici u l-konvenut. Difatti l-konvenut jghid li huwa kien ftiehem ma ufficjal tal-imsemmija gazzetta, sabiex l-imsemmi negozju tal-konvenut jigi reklamat fl-istess gazzetta. Ghar-rigward ta' dawn ir-reklami kellhom isiru xi xogholijiet bhal "colour seperations" u "art work" u ghalhekk l-istess ufficjal tal-gazzetta introducja u laqqa l-konvenut ma direttur tas-socjeta attrici u dana sabiex l-istess socjeta attrici tiehu hsieb l-imsemmija xogholijiet. Il-konvenut stess jammetti li huwa kien approva r-reklami in kwestjoni;

In effett hi haga normali li minn jordna r-reklami jhallas ghall-ispejjez kollha relattivi, inkluz ghax-xogholijiet in kwestjoni. Barra minn hekk il-konvenut stess jammetti li huwa kien ftiehem mas-socjeta attrici li jhallas l-ammonti in kwestjoni ratealment. Fil-fatt il-konvenut ukoll ghamel xi pagamenti. Inoltre l-konvenut jammetti ukoll li kien ghamel xi pagamenti permezz ta' cekkijiet pero' dawn ma ssarfux peress li ma kienx hemm fondi bizzejjed fil-kont relattiv;

Fid-dawl ta' dan kollu jidher li hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Jidher ukoll li s-socjeta attrici qabel ma bdiet tghamel ix-xoghol in kwestjoni ssottomettiet lill-konvenut il-prezzijiet relattivi, li ukoll gew accettati mill-konvenut. Inoltre direttur tas-socjeta attrici kkonfermat li, qabel ma nbdew dawn il-proceduri, l-konvenut qatt ma

rrifjuta li jhallas l-ammonti in kwestjoni, pero' kien jghid li ried aktar zmien;

Jirrizulta ukoll li l-ammonti in kwestjoni huma effettivament dovuti mill-konvenut lis-socjeta attrici u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut propio et nomine jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u wiehed u tletin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm2031,45) bilanc minn somma akbar, prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta attrici fuq inkariku tal-konvenut u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-19 ta’ Frar 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut propio et nomine.

--------------------------------TMIEM--------------------------------